MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Numru 968/2002

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Anthony Formston, iben
Anthony, imwieled Pieta'
fit-18 ta' novembru, 1967

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fit-8 ta' novembru, 2002 għal ħabta ta' bejn id-9.30 p.m. u l-10.00 p.m. waqt li kien fil-post magħruf bħala 'Mġarr Football Club', li qiegħed fi Triq il-Plejju, Mġarr ta daqqa ta' tazza u bil-ponn fuq imnieħer Dennis Borg minn Ħal-Balzan, u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi skond kif iċċertifika t-Tabib Mark Fiorentino ta' l-Isptar San Luqa;

2. talli fl-istess data, ħin u lok kiser il-paċi pubblika bl-għajjat u bil-ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-10 ta' jannar, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fid-data u fil-ħin hawn fuq indikat kien hemm ġlieda fl-Mġarr Football Club bejn żewġ gruppi tar-rġiel li kienu qed jieklu hemmhekk. Fil-ġlieda weġġa ċertu Dennis Borg li sofra feriti f'imnieħru.

Illi fix-xhieda tiegħu fil-Qorti Dennis Borg ma għaraf lil ħadd li setgħa għamillu din
il-ferita. Xhud ieħor imressaq mill-pulizija wkoll ma għaraf lil ħadd.

Fuq l-iskort ta' dawn il-provi l-imputat ma jistax jinsab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------